MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Numru. 329/2004

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Alexandra Mamo)**

**versus**

**Saviour sive Silvio Sammut**

**Joseph Zammit**

**Joseph Grech**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Saviour sive Silvio Sammut ta' 36 sena bin Emmanuel u Frances nee Borg imwieled Pieta' fl-4 ta' Lulju, 1967 u residenti numru 128, Triq Ponsonby Gżira, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 274267 (M)

Joseph Zammit ta' 37 sena bin Paul u Pauline nee Buttigieg imwieled Slieam fil-25 ta' Jannar 1967 u residenti numru 10 Ġuże Borg Street San Ġwann detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 78967 (M)

Joseph Grech ta' 34 sena bin Francis u Doris nee Camilleri imwieled Pieta' fis-16 ta' Settembru 1969 u residenti 122 Triq il-Għasel Mosta detentur ta' tal-karta ta' l-identita' bin-numru 399769 (M)

2. akkużati talli f'dawn il-Gżejjer fil-25 t'April, 1999 u fix-xhur ta' qabel u wara din id-data, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda:

a. bil-ħsieb li jiksbu għalihom infushom jew għal ħadd ieħor il-ħlas ta' flus ta' sigurta' kontra r-riskji jew xi qligħ ieħor mhux mistħoqq, iddistruġġew, xerrdu 'l hawn u 'l hemm jew għarrqu b'xi mezz li jkun, ħwjjeġ taħghom u cioe' ħabbtu diversi vetturi u dan bi ksur ta' l-artikolu 295 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

b. b'mezzi kontra l-Liġi jew billi għamiltu użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila setgħa fuq ħadd ieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex tqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ ta' aktar minn Lm1000 għad-dannu ta' divesi kumpaniji ta' assikurazzjoni, fosthom Laferla Insurance Agency Limited, Bonnici Insurance, General Accident, Citaldel Insurance u oħrajn u persuni oħra u dan bi ksur ta' l-artikoli 308, 309 u 310 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi dawn li ġejjin: il-kunsnes ta' l-Avukat Ġenerali ta' l-14 ta' Diċembru 2004 li bih huwa ta l-kunsens tiegħu sabiex dawn il-proċeduri jkunu trattati bi proċedura sommarja, rat l-interragorju tat-tliet imputati tat-23 ta' Frar 2005 fejn huma wieġbu li mhux ħatja iżda li ma kellhom ebda oġġezzjoni li l-proċeduri

jkunu sommarji, u kkonfermaw in-nuqqas ta' oġġezzjoni tagħhom wara li ngħataw ħin adegwat biex jaħsbuha.

4. Rat illi fil-verbal tat-8 ta' Marzu 2006 l-imputati kienu bidlu tweġiba taħghom dwar il-ħtija u kollha kemm huma wieġbu li huma ħatjin ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom. Huma kkonfermaw din it-tweġiba wara li ngħataw ħin biżżejjed biex jirreflettu fuqha.

5.Il-Qorti semgħet ukoll is-sottomissjonijiet dwar il-piena. Id-difiża ssottomettiet li l-imputati kienu ħallsu lura sa l-iċken ċenteżmu tant li kienu ssettiljaw kollox ma' kulħadd mingħajr ma l-kredituri ma kellhom jiftħu kawżi ċivili fil-Qorti. Għaldaqstant il-kumpens kien fl-intier tiegħu.

6. Rat ukoll is-sottomissjonijiet kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-Difiża dwar il-piena. Ikkunsidrat ukoll li dawn ir-reati seħħew kemm qabel kif ukoll **wara l-25 t'April, 1999.** M'hemmx indikat iż-żmien meta dawn ir-reati waqfu. Għaldaqstant il-Qorti, minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni li hemm referenza għaliha fis-sentenza ta' qabel, wara li rat l-artikolu 688(d),[1] 699(1) u 694 tal-Kap 9 ma tistax tiddikjara jekk dawn ir-reati humiex preskritti tenut kont tal-pieni li kienu viġenti qabel daħal fis-seħħ l-Att II tas-sena 2002.[2]

Ikkunisdrat

7. Ġaladarba l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet dedotti kontrihom dawn ġew ippruvati skond il-Liġi.

8. Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 18, 28A, 295, 308, 309 u 310(1) tal-Kap 9 issib lill-imputati ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħhom. Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra li l-imputati ħallsu kollox lura, li ammettew prattikament qabel bdew jinstemgħu l-provi, u li l-fedina penali ta' Joseph Grech hija nadifa waqt li taż-żewġ imputati l-oħra għandhom infrazzjonijiet tal-Liġi konnessi max-xogħol taħghom. Barra minn dan, peress li

[1] Din tipprospetta perjodu preskrittiv ta' 5 snin.
[2] Ara l-paragrafu 8.

r-reati jidhru li twettqu qabel ma daħlu fiss-eħħ l-emendi ta' l-Att III tas-sena 2002, il-piena propja hija dik viġenti **qabel** dawn l-emendi daħlu fis-seħħ u din li kienet waħda inqas. Fil-fatt, il-pieni fl-artikolu 295 'minn ħames xhur sa sena' u 'minn seba' xhur sa sentejn'. Il-piena għall-artikolu 308 kienet minn 'erba' xhur sa sena u dik ta' l-artikolu 309 'minn xahar sa tliet xhur'. Min-naħa l-oħra l-artikolu 310 inbidel radikalment għaliex kien sostitwit ex integro u għall-imputazzjonijiet odjerni wieħed ried jara l-artikolu 310 (1) li kien jirreferik għall-artikolu 309 (minn xahar sa tliet xhur jew multa) miżjud b'żewġ jew tliet gradi (Dan kien iwassal il-piena ta' minn sa seba' xhur sa sena jew tliet xhur ħabs (il-gradi kif titla' l-multa skond l-artikolu 31(f).)

9. Wara li kkonsidrat dan kollu l-Qorti qed tikkundanna lil Saviour sive Silvio Sammut u lil Joseph Zammit għall-perjodu ta' priġunerija ta' sittax-il xahar sospiżi għal għoxrin xahar u lil Joseph Grech għall-perjodu perjodu ta' priġunerija ta' sena sospiza għal ħmistax-il xahar.

10. Il-Qorti spjegat lill-imputati l-artikolu 28A tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------